MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2008

Numru. 757/2005

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Leo Borg, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ settembru, 1983

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, fl-24 ta’ marzu, 2004 u fix-xhur ta’ wara din id-data, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ marzu, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------